# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Novembru, 2018.**

**Rikors Numru 383/2016**

**Emanuela armla minn Philip Bartolo (K.I. 346652M); Elton Bartolo (K.I. 369375M) u Rachel Zammit Bartolo (K.I. 553080M)**

**vs.**

**Marthese (K.I. 555861M) u Tarcisio (K.I. 537653M) konjugi Caruana u Rayona Caruana (K.I. 11787M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti kif hemm rapprezentati sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti u l-konjugi intimati huma proprjetarji tal-*Marea Kiosk*, l-Ghadira, limiti tal-Mellieha, inkluzi l-assi indikati fl-istess rikors, l-avvjament tal-istess, u l-jeddijiet tal-proprjeta` intellettwali, flimkien ma' jeddijiet ohra u permessi necessarji, ghat-tmexxija tal-istess negozju;

1.2. Illi dan in-negozju ilu jigi hekk gestit mill-1988;

1.3. Illi originarjament l-istess negozju kien ukoll proprjeta` ta' Raymond Bartolo;

1.4. Illi eventwalment il-kontendenti kienu xtraw sehem Raymond Bartolo li ghalhekk gie estromess mill-istess negozju;

1.5. Illi sussegwentement l-istess negozju baqa' tal-kontendenti f'ishma ta' nofs indiviz kull porzjon;

1.6. Illi l-ispejjez involuti fil-gestjoni tal-istess kienu jitnaqqsu mill-introjtu;

1.7. Illi sussegwentement il-qligh kien jinqasam bejniethom;

1.8. Illi l-kontendenti ma jridux jibqghu aktar f'komunjoni;

1.9. Illi *stante* li l-azjenda mhix komodament divizibbli hemm il-htiega li tinbiegh bl-irkant wara li din tkun stmata minn perit appozitament inkarigat;

1.10. Illi permezz t'ittra ufficjali datata s-7 ta' Marzu, 2006, ir-rikorrenti talbu lill-intimati jersqu ghal likwidazzjoni tal-proprjeta` u tan-negozju in dizamina, izda baqghu inadempjenti;

1.11. Illi giet intavolata procedura fl-ismijiet **Philip Bartolo *et* vs. Marthese Caruana *et*** li giet deciza mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** permezz ta' sentenza datata d-**9 ta' Marzu, 2016**, (ara foll 5);

1.12. Illi fil-mori tal-proceduri r-rikorrenti skoprew li l-konjugi intimati Caruana ipprovaw jittrasferixxu l-azjenda in dizamina lil binthom l-intimata Rayona Caruana;

1.13. Illi ghalhekk permezz ta' procedura ohra fl-ismijiet **Philip Bartolo *et* vs. Tarcisio Caruana *et*** talbu lill-istess qorti fuq indikata biex:

1.13.1. Tiddeciedi li l-kiosk in dizamina u l-assi tieghu huma proprjeta` tar-rikorrenti u tal-intimati konjugi Caruana f'ishma indaqs;

1.13.2. Li l-intimati kellhom obbligazzjoni fiducjarja fil-konfront taghhom; u

1.13.3. Li l-bejgh tal-kiosk lill-intimata Rayona Caruana li sar wara Mejju, 2006, kien null u ghandu jigi rexiss;

1.14. Illi b'sentenza ulterjuri datata wkoll id-9 ta' Marzu, 2016, (ara foll 26), il-bejgh in dizamina gie annullat;

1.15. Illi l-imsemmi Philip Bartolo miet fil-mori tal-proceduri;

1.16. Illi l-eredita` tal-imsemmi Philip Bartolo iddevolviet fuq ir-rikorrenti, (ara foll 47);

1.17. Illi l-eredita` tal-istess Philip Bartolo giet dikjarata "*causa mortis*" permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor John Gambin datat il-21 ta' Jannar, 2014, (ara foll 50);

1.18. Illi l-kontendenti ilhom ma jaqsmu l-profitti karpiti mill-kiosk minn April/Novembru 2006 sa April/Novembru, 2015;

1.19. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi biex jersqu ghal likwidazzjoni tal-profitti mill-gestjoni tal-istess, l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 56 sa 68);

1.20. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.20.1. Tiddikjara li l-intimati *in solidum* ghandhom ihallsu 50% tal-profitti netti gestiti mill-kiosk in dizamina

ghall-perjodu bejn April/Novembru, 2006 sa April/Novembru, 2015;

1.20.2. Tillikwida l-profitt nett tal-azjenda *Marea Kiosk*, l-Ghadira, limiti tal-Mellieha, ghall-perjodu bejn April/Novembru 2006 sa April/Novembru 2015, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.20.3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu 50% tal-profitt nett tal-azjenda *Marea Kiosk* fuq riferita ghall-perjodu bejn April/Novembru 2006 sa April/Novembru 2015;

1.20.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 70);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha l-intimata Rayona Caruana sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 79):

3.1. **Preliminarjament:**

3.1.1. Illi l-azzjoni hi intempestiva *stante* li l-mertu tal-procedura odjerna hu konness mal-mertu ta' zewg (2) appelli li ghadhom *in vigore*, u ghalhekk, hu ghaqli li l-qorti odjerna ghandha tissoprassjedi sakemm dawn l-appelli jigu decizi;

3.1.2. Illi l-proceduri in kwistjoni jirrigwardaw profitti naxxenti minn assi ereditarji allegatament tad-defunt Philip Bartolo, izda r-rikorrenti naqsu jgibu prova li l-assi ereditarji *de quo* gew inkluzi fid-denunzja *causa mortis* ta' Philip Bartolo, (ara foll 50), u konsegwentement il-procedura odjerna ghandha titwaqqaf *ipso iure* sakemm ir-rikorrenti jippruvaw li din id-denunzja saret;

3.1.3. Illi skont l-istess denunzja *causa mortis* registrata, (ara foll 50), jirrizulta li l-kiosk in dizamina, li hu suggett ghall-kirja favur id-Dipartiment tal-Artijiet, ma giex dikjarat fil-*causa mortis* ta' Philip Bartolo

mir-rikorrenti u konsegwentement, ir-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku fil-procedura odjerna *stante* li m'ghandhomx interess dikjarat fl-istess assi meritu tal-procedura odjerna;

3.1.4. Illi t-talbiet li jipprecedu s-6 ta' Novembru, 2008, huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikli 2156(f) u 2157 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 16);

3.1.5. Illi l-intimata *de quo* qatt ma setghet tigi meqjusa bhala legittima kontradittrici *stante* li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. **Fil-Mertu:**

3.2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2.2. Illi kienu r-rikorrenti stess li kienu li ma riedux jibqhu jiehdu hsieb il-gestjoni flimkien mal-intimati fil-kiosk in kwistjoni ghas-snin mertu ta' dawn il-proceduri, u kien ghalhekk li intalab ix-xoljiment tan-negozju *de quo*;

3.2.3. Illi ghalhekk l-ebda hlas m'hu dovut lir-rikorrenti f'negozju li d-*decuius ex admissis* ma baqax jippartecipa fih fis-snin *de quo*;

3.2.4. Illi konsegwentement it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.2.5. Illi x-xhieda elenkati mir-rikorrenti mhumiex producibbli ghaliex l-oggett tal-prova rikjest mhux indikat;

3.2.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.2.7. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha l-intimati l-ohra l-konjugi Caruana sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 83):

4.1. **Preliminarjament:**

4.1.1. Illi r-rikorrenti ghandhom juru li ddikjaraw l-allegat sehen taghhom fil-kiosk *de quo* lid-Dipartiment tat-Taxxi flimkien mal-introjtu inkassat mill-istess kiosk, altrimenti l-qorti m'ghandiex tisma' l-kawza u tillibera lill-intimati odjerni mill-osservanza tal-gudizzju;

4.1.2. Illi l-kawza odjerna hi intempestiva *stante* li tiddependi mill-ezitu ta' zewg (2) kawzi prezentement pendenti l-appell;

4.1.3. Illi l-qorti ghandha ghalhekk tordna s-soprasessjoni ta' din il-procedura;

4.1.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma improponibbli billi l-ligi stess tistabbilixxi li ma jistax ikun hemm *partnership* informali fl-assenza ta' kuntratt pubbliku, (ara artikli 1649 u 1651 tal-Kap 16);

4.1.5. Illi r-rikorrenti ma jistghux jippretendu parti minn negozju u/jew mill-introjtu minn negozju in kwistjoni mis-sena 2005 'l quddiem peress:

4.1.5.i. Li l-mejjet Philip Bartolo u l-familja tieghu ma baqghux jattendu ghax-xoghol fil-kiosk *de quo*, appartenenti lill-intimata Marthese Caruana;

4.1.5.ii. Li r-rikorrenti stess iddikjaraw li telqu mill-istess ghaliex ma riedux jibqghu aktar hemm, (ara paragrafu numru 5 tar-rikors promotur a foll 2), ghalkemm issa qed jippretendu li l-imsemmija intimata Marthese Caruana hadmet ghalihom dawn is-snin kollha u li l-istess intimati inkassaw il-flus minghajr ma hadmu aktar;

4.2. **Fil-Mertu:**

4.2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.2.2. Illi r-rikorrenti Rachel Zammit Bartolo ddikjarat bil-gurament li kienet tiehu hsieb il-kotba tan-negozju – izda dawn ma nzammux kif rikjest mill-ligi:

4.2.3. Illi ghalhekk l-istess rikorrenti Bartolo indikata fil-paragrafu precedenti qeghda tinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas u ghall-konsegwenzi kollha minnu naxxenti;

4.2.4. Illi r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda sehem mill-profitti naxxenti mill-kiosk in dizamina *stante* li hadd minnhom m'ghandu sehem fih;

4.2.5. Illi r-rikorrenti ghandhom jiddikjaraw l-oggett tal-prova fir-rigward ta' kull xhud;

4.2.6. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-30 ta' Gunju, 2016, (ara foll 91), li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-ewwel jigu decizi t-tliet (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, senjatament:

5.1. L-intempestivita` tal-kawza;

5.2. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni fil-*causa mortis*;

5.3. Il-preskrizzjoni;

6. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 236), u kif sussegwentement estizi fil-kaz tal-intimati konjugi Caruana, (ara foll 258);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-11 ta' Mejju, 2018, (ara foll 244), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-

intimata Rayona Caruana datata l-21 ta' Gunju, 2018, (ara foll 253), u dik tal-intimati l-ohra l-konjugi Caruana datata l-25 ta' Gunju, 2018, (ara foll 260);

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-27 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara foll 269);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-vertenza in dizamina tippernja fuq il-gestjoni tan-negozju bl-isem *Marea Kiosk* fl-Ghadira;

11.2. Illi r-rikorrenti qed jallegaw li huma proprjetarji tal-istess flimkien mal-intimati, f'sehem ta' nofs indiviz bejniethom, u li ghalhekk, ghal zmien twil, iz-zewg nahat kienu jircievu 50% tal-qligh mill-istess gestjoni, (ara foll 211 u 219);

11.3. Illi jirrizulta li nqala' dizgwid bejn il-partijiet u li konsegwentement, ir-rikorrenti ma jridux jibqghu fi stat ta' kommunjoni mal-intimati, (ara foll 221);

11.4. Illi in effetti jezistu zewg (2) proceduri ohra, prezentement pendenti proceduri fl-appell, (ara foll 79 u 98), fejn fost l-ohrajn qed tintalab dikjarazzjoni:

11.4.1. Li l-partijiet odjerni huma proprjetarji in komuni tal-kiosk *de quo*, flimkien mal-likwidazzjoni sussegwenti, (ara foll 5); u

11.4.2. Li l-istess partijiet odjerni huma proprjetarji in komuni tal-istess kiosk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-gestjoni tal-istess, (ara foll 26);

Ikkunsidrat:

12. Illi din hi **sentenza preliminari** rigwardanti l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, (ara paragrafu numru hamsa punt zero, (5.0.), aktar qabel u foll 91);

13. Illi in vista tal-premess tigi l-ewwel ikkunsidrata l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari hekk sollevata, senjatament dik rigwardanti l-**intempestivita`** tal-kawza, (ara foll 79 u 83);

Ikkunsidrat:

14. Illi essenzjalment bil-procedura prezenti r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-profitti minnhom pretizi ghall-perjodu April-Novembru 2006 sa April-Novembru 2015, (ara foll 5, 26 u 98);

15. Illi l-intimati kollha jirrispondu li jkun ghaqli li din il-qorti tissopprassjedi l-vertenza sakemm jigu determinati b'mod effettiv il-kawzi prezentement pendenti l-appell, (ara foll 5, 26 u 98);

Ikkunsidrat:

16. Illi dwar is-**soprasessjoni tal-kawzi**, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Alfred Spiteri *et* vs. Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta *et***, datata it-**30 ta' Settembru, 2016**, il-**Qorti tal-Appell (Superjuri**) irriteniet is-segwenti:

> "In tema legali jigi osservat li jinsab ritenut li:
>
> "... hu accettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eccezzjonali tinghata meta smigh fl-istess waqt ta' zewg kawzi ma jkunx jista' jsir, izda, billi hi eccezzjoni ghar-regola generali li kull kawza ghandha tinstama' sakemm tigi maqtugha, trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji bizzejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, jinghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, (**Kollez. Vol: LXXVIII.i.211**), li l-eccezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma' kawza bhala tali, fis-sistema procedurali taghna, mhijiex kontemplata ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jikkontempla hi l-eccezzjoni maghrufa bhala *lis alibi pendens*, u din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

> "Illi hu minhabba f'hekk li l-qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik.
>
> "... Jinsab assodat ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi s-soprassessjoni tigi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibbilita`. Maghdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni hi rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. (*Vide in materja* **PA Sylvana Tanti vs. Noel Tanti *et* – 3 ta' April 2014**)";

Ikkunsidrat:

17. Illi ghandu jkun pacifiku li l-insenjament naxxenti mis-suddetti principji ghandhu issa jigi ezaminat fid-dawl ta' dak li qieghed jintalab fil-procedura odjerna biex b'hekk jigi stabbilit jekk ir-ragunijiet li fuqhom ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talbiet odjerni taghhom ma jiddependux direttament fuq dak mitlub fiz-zewg (2) proceduri l-ohra fuq riferiti li ghadhom pendenti l-appell li sal-15 ta' Novembru, 2016, jirrizulta li "... lanqas biss (kienu gew) appuntati", (ara foll 98), sfortunatament *considerando* il-fatt li tali appelli jirrizulta li jiehdu madwar tlieta (3) jew erba' (4) snin biex jigu hekk appuntati;

Ikkunsidrat:

18. Illi hu pacifiku li permezz tal-procedura in dizamina jirrizulta assodat li r-rikorrenti qed jibbazaw t-talbiet taghhom fuq il-bazi li fil-gestjoni tal-kiosk in dizamina hemm profitti li huma intitolati ghalihom u li allura ghandhom jigu likwidati favur taghhom;

19. Illi tali bazi tistrieh fuq il-premessa li l-kiosk in dizamina hu proprjeta` komuni bejn ir-rikorrenti u l-intimati f'ishma indaqs;

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li l-kawzali tar-rikorrenti jirrizultaw li effettivament huma bbazati unikament fuq

id-decizjonijiet tal-kawzi fuq riferiti prezentement pendenti l-appell u fuq l-effett legali taghhom;

21. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li l-mertu tal-procedura odjerna, senjatament it-talba tar-rikorrenti biex il-qorti tiddeciedi li tordna lill-intimati jhallsuhom *in solidum* l-ammont ta' 50% tal-profitti netti rizultanti mill-gestjoni tal-kiosk *de quo*, hi bbazata fuq il-mertu tal-imsemmija zewg (2) proceduri prezentement pendenti l-appell, senjatament:

    21.1. Talba ghal dikjarazzjoni li r-rikorrenti u l-intimati huma ko-proprjetarji tal-imsemmi negozju f'ishma indaqs;

    21.2. Talba ghal dikjarazzjoni li ghall-perjodu ikkoncernat hemm indikat, il-profitti li jirrizultaw ghandhom jinqasmu bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

22. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li fl-ahjar interessi tal-gustizzja, din il-qorti ghandha tieqaf tisma l-kawza prezenti pendenti l-eventwali decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-proceduri prezentement pendenti quddiemha fuq riferiti *stante* li dawn jimpingu sostanzjalment fuq il-mertu tal-procedura odjerna;

23. Illi ghandu ghalhekk ikun pacifiku li l-qorti odjerna ma tistax tiddeciedi l-procedura in dizamina qabel ma jigi deciz definittivament il-mertu tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fiz-zewg (2) proceduri fuq riferiti;

24. Illi *di piu`*, b'hekk tigi wkoll evitata l-possibilita` li jigu prodotti decizjonijiet kontradittorji ghal xulxin b'detriment ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

Ikkunsidrat:

25. Illi stabbilita` l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna m'hemm bzonn li jinghad xejn dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet – dawk rigwardanti l-*causa mortis* u l-preskrizzjoni – fuq riferiti, (ara paragrafu numru hamsa punt zero, (5.0.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

26.0. Illi in vista tal-premess:

**DECIDE:**

26.1. Takkolji l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimat Rayona Caruana flimkien mat-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-intimati konjugi Caruana;

26.2. Tiddikjara ghalhekk li l-procedura odjerna hi intempestiva;

26.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**